VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

23 ta' Lulju, 2013

ATT Nru. X tal-2013

ATT biex jemenda diversi liġijiet dwar il-funzjonijiet tal-Membri Parlamentari

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtoritá tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att tal-2013 li Jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Funzjonijiet tal-Membri Parlamentari. Titolu fil-qosor.

2. Fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu 13 tat-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika l-kliem "il-Ministru responsabbli" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Ministru jew xi Membru ieħor tal-Kamra tad-Deputati li jkun responsabbli". Emenda tal-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Kap. 396

Emenda tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat. Kap. 421.

3. Is-subartikolu (5) tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(5) Persuna ma tkunx eliġibbli li tkun membru tal-Kunsill jekk tkun instabet ħatja ta' xi:

(a) delitt kontra l-proprjetà u s-sigurtà pubblika;

(b) delitt kontra l-fiduċja pubblika;

(ċ) delitt kontra l-kummerċ pubbliku; jew

Kap. 313.

(d) delitt taħt l-Att dwar id-Deskrizzjonijiet Kummerċjali.".

Emenda tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Kap. 424

4. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 8 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tkun Ministru jew Segretarju Parlamentari; jew".

Emenda tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi. Kap. 442

5. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 4 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) L-ebda persuna ma għandha tiġi maħtura jew tibqa' membru tal-Bord jekk tkun uffiċjal jew membru ta' xi soċjetà jew tal-organizzazzjoni *Apex*.".

Emenda tal-Att dwar l-Isports. Kap. 455

6. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Isports għandu jiġi mħassar u l-paragrafi (b), (ċ), (d), (e) u (f) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) rispettivament.

Emenda tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta. Kap. 463

7. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (7) tal-artikolu 10 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta għandu jiġi mħassar u l-paragrafi (b), (ċ), (d), (e) u (f) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) rispettivament.

Emenda tal-Att dwar l-Ilsien Malti. Kap. 470

8. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Att dwar l-Ilsien Malti għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-ebda persuna ma tkun kwalifikata tkun membru tal-Kunsill jew ta' xi wieħed mill-organi tiegħu jekk tkun Imħallef jew Maġistrat.".

Emenda tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta. Kap. 478

9. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tkun Ministru jew Segretarju Parlamentari; jew"

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika. Kap. 481

10. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Persuna ma tistax tkun kwalifikata biex ikollha kariga bħala membru tal-Kummissjoni jekk hija tkun Ministru jew Segretarju Parlamentari.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 54 tas-17 ta' Lulju, 2013.

ANĠLU FARRUĠIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati